14 ta' Marzu, 1949.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Caruana

## Ingombru tal-Mollijiet — Art. 206 u 209 tal-Kap. 13.

*Għalkemm il-lokuzzjoni tal-liġi li tipprojbixxi l-ingombru tal-mollijiet b'affarijiet li jfixklu n-navigazzjoni, jew jingumbraw il-passaġġ u l-imbark jew żbark ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra, jew li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tan-nies, jew li jdejqu n-nies, hija lokuzzjoni ġenerika, eppure mhux kollha indistintament huwa*

*kolpit minn dik il-liġi, imma huwa kolpit (1) min kien il-kaġun ta' l-ingombru, (2) min hu sid il-materjal ingombranti jew għandu d-disponibilità tiegħu, (3) min hu akarikat tal-wieħed jew ta' l-ieħor, (4) jew min hu, jew kien, obligat li jneħħi dak il-materjal "civiliter".*

Dan hu appell ta' l-imputat;

Hu ġie mixjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi ħalla fuq il-moll ta' Church Wharf, il-Marsa, depożitu ta' kwantità ta' barbed wire li jistgħu jkunu ta' ngombru għall-passaġġ, imbark jew żbark ta' nies, ta' merkanzija, jew ħwejjeġ oħra, u li jistgħu jkunu ta' ħsara għan-nies jew idejqu n-nies — kompriża fl-imputazzjoni t-talba li jingħata terminu lill-imputat biex jitneħħa l-inkonvenjent. B'sentenza tagħha tal-31 ta' Diċembru 1948, dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu żmien għoxrin ġurnata biex jikkonforma ruħu mal-liġi, taħt penali dijurna ta' 5s.;

Trattat l-appell, din il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet;

Dwar il-fatti ma jidhierx li hemm kwistjoni. L-imputat kien biegħ din il-kwantità ta' barbed wire lil wieħed Taljan, u l-konsenja kellha, skond il-ftehim, issir sal-bankina; għalhekk il-barbed wire kellu jitneħħa minn fuq il-bankina u jitgħabba fuq il-bastiment mill-kumpratur. Fil-fatt l-imputat għamel il-konsenja tal-wire sa fuq il-moll, u tħallas tal-prezz. Sabiex iħallih fuq il-moll għal dak iż-żmien qasir sakemm l-ieħor jgħabbih, l-imputat kien ħa permess bil-fomm mill-kompjant Sur Walter Xuereb, Assistent Kollettur tad-Dwana. Il-kumpratur, għal xi raġuni jew oħra, ħalla l-barbed wire fuq il-moll, u saret din iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat;

F'dan l-appell hemm involuti punti importanti;

L-imputazzjoni hi mixjuba taħt l-art. 206 u 209 tal-Kap. 13, Ediz. Riveduta, li jgħidu hekk:—

Art. 206 — "Hadd ma jista' jħalli fil-portijiet jew fuq il-mollijiet, ebda ħaġa li tista' tfixkel in-navigazzjoni jew tingombra l-passaġġ, l-imbark jew l-iżbark, ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra................";

Art. 209 — "Hadd ma jista' jħalli fil-portijiet jew fuq il-moll jiet, ebda ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa tan-nies, jew li ddejjaq in-nies............";

Bħala fatt, jidher mix-xhieda ta' l-Ispettur Semini illi din il-kwantità ta' barbed wire fuq dan il-moll qiegħda tingombra l-passaġġ għall-imbark jew żbark ta' nies jew ħwejjeġ oħra, u tista' anki tkun ta' ħsara għan-nies u ddejjaqhom;

Il-punt hu, però, jekk għandux ikun ritenut responsabili l-imputat;

L-Imħallef sedenti, wara li kkunsidra tajjeb dawn id-*dispożizzjonijiet tal-liġi, jidhirlu li għandu jsegwi l-kriterju* stabbilit mill-predeċessur tiegħu Imħallef Dr. Luigi Camilleri fis-sentenza "La Polizia vs. Capitano Balilla Maggi", 17 ta' Frar 1923, fejn ġie kommentat l-art. 206 fuq imsemmi, allura numerat art. 189, kommenti li, għar-raġunijiet ta' identità ta' lokuzzjoni, jgħoddu bir-regola ta' l-"ejusdem generis" għall-interpretazzjoni ta' l-art. 209;

L-Imħallef Dr. Camilleri f'dik is-sentenza, fuq l-awtorità ta' l-awtur Vincenzo Vescovi, irritjena illi għalkemm il-lokuzzjoni ta' l-artikolu hi ġenerika, eppure hi ma setgħetx tikkolpixxi lil kulħadd indistintament, imma (1) lil min kien kaġun ta' l-ingombru, (2) lil min hu sid il-materjal inkombranti jew għandu d-disponibilità tiegħu, (3) lil min huwa l-inkarikat tal-wieħed jew ta' l-ieħor, (4) lil min hu obligat, jew kien obligat, ineħħi l-materjal "civiliter";

Issa, ma jistax ġustament jingħad li l-imputat kien kaġun ta' l-ingombru; għaliex, bħala eżekuzzjoni tal-bejgħ, kellu bilfors iwassal dak il-barbed wire sal-moll; u biex qiegħdu hemm kellu l-permess, sija pure għal żmien qasir, sakemm jieħdu x-xerrej u jgħabbih. Dan ix-xerrej naqas mill-obligu tiegħu, u kien hu għalhekk il-kaġun ta' l-ingombru. Ma kien hemm xejn illegali fil-fatt ta' l-imputat li kkonkjuda bejgħ b'dak il-patt, cjoè bil-patt li jwassal il-merkanzija sal-*bankina biss*;

Lanqas jista' jingħad li l-imputat għandu l-proprjetà jew id-disponibilità tal-barbed wire, għaliex sid tiegħu sar ix-xerrej bħala effett tal-bejgħ hekk kuntrattat;

Ma jirriżultax li l-imputat hu mkarikat tas-sid;

Fl-aħħarnett ma jistax jingħad li, bħala effett ta' kuntrattazzjonijiet mill-punto di vista "ċivili", ir-responsabilità għat-tneħħija tal-materjal hi ta' l-imputat. Anzi l-kuntrarju. Kieku l-imputat biegħ bil-klawsola "F.O.B.", allura l-każ kien ikun differenti, għaliex b'dik il-klawsola l-bejjiegħ jassumi l-obbligu li jikkonsenja l-merkanzija abbord tal-bastiment bla spejjeż għax-xerrej, u għalhekk kien ikun "civiliter" obbligu ta' l-imputat li jneħħi u jgħabbi l-materjal; u f'din l-obbligazzjoni ċivili kienet tirradika f'każ simili l-imputabilità kriminali. Imma meta l-bejgħ sar bil-klawsola "delivery on quay", allura ma hemmx obbligazzjoni ċivili simili li toħloq, fin-nuqqas ta' bażijiet oħra ta' responsabilità, imputabilità f'sedi kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma tħossx li tista' taqbel mal-konklużjoni li ġie għaliha l-Maġistrat; u konsegwentement tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tilliberah.